Heritage Malta

Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **23 ta' Marzu 2022**

**Il-Ġebla ta' Majmuna għall-wiri fil-Mużew taċ-Ċiviltà Iżlamika fl-Emirati Għarab Magħquda**

Matul it-tliet xhur li ġejjin, il-Ġebla ta' Majmuna se tkun għall-wiri fil-Mużew taċ-Ċiviltà Iżlamika f'Sharjah, fl-Emirati Għarab Magħquda. Din hija l-ewwel darba li din il-lapida unika qed tiġi esebita f'mużew barrani u l-ewwel skambju ta' artefatt kulturali bejn Malta u l-Emirati Għarab Magħquda.

F'Diċembru li għadda, replika tal-Ġebla ta' Majmuna ġiet ippreżentata minn Heritage Malta biex tkun esebita fl-Expo ta' Dubai. Dan kien fost l-ewwel frott tal-ewwel memorandum of understanding iffirmat bejn Malta u l-Emirati Għarab Magħquda bl-għan li jippromovi l-koperazzjoni fl-oqsma tal-kultura, ir-riċerka u l-iskambji professjonali.

Il-Ġebla ta' Majmuna hija wieħed mill-aktar artefatti Iżlamiċi importanti minn Żmien l-Għarab f'Malta u tmur lura sas-sena 1174. Wiċċ il-lapida hu skolpit b'kitba Kufika l-ġmiel tagħha f'forma ta' talba dwar il-mewt ta' tfajla Musulmana li kien jisimha Majmuna , flimkien ma' versi mill-Quran li jittrattaw is-suġġett tal-mewt. Skont it-tradizzjoni orali, il-lapida – l-unika waħda tax-xorti tagħha fil-Gżejjer Maltin – instabet f'post bejn ix-Xewkija u Ta' Sannat, Għawdex. L-inħawi għadhom sal-lum magħrufa bħala Ta' Majmuna.

F'kelmtejn waqt l-inawgurazzjoni tal-wirja, l-Ambaxxatriċi ta' Malta għall-Emirati Għarab Magħquda, Maria Camilleri Calleja, qalet li l-Ġebla ta' Majmuna tirrappreżenta perjodu meta Malta u parti kbira mill-Punent tal-Mediterran kienu jagħmlu parti minn emirat magħruf bħala Al Moaheddin, li tfisser 'in-nies li jemmnu f'Alla wieħed'. Madankollu llum qed ixxidd libsa differenti: dik li tirrappreżenta r-relazzjoni bejn żewġ mużewijiet, żewġ popli u żewġ pajjiżi. L-Ambaxxata hija kuntenta li kellha l-opportunità li taħdem ma' żewġ entitajiet professjonali bħalma huma Heritage Malta u l-Mużew taċ-Ċiviltà Iżlamika f'Sharjah, fejn il-Ġebla ta' Majmuna se tkun xhieda tar-rabtiet sodi bejn iż-żewġ pajjiżi.

Joyce Dimech, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, tkellmet dwar l-importanza tal-memorandum fil-qasam tal-kultura u l-patrimonju kulturali ffirmat bejn Malta u l-Emirati Għarab Magħquda, billi dan jiftaħ għadd kbir ta’ possibbiltajiet għal koperazzjoni fil-ġejjieni qrib u aktar ’il quddiem. Hija saħqet li l-kultura hija aspett ewlieni fid-djalogu bejn pajjiżi differenti, u l-Ministeru se jagħti l-appoġġ sħiħ tiegħu lil kollaborazzjonijiet oħra fil-ġejjieni.

Il-Kap Eżekuttiv ta’ Heritage Malta, Noel Zammit, qal li l-aġenzija qed tħabrek biex il-kollezzjoni nazzjonali tkun aċċessibbli mhux biss għall-pubbliku lokali iżda wkoll għal udjenzi internazzjonali, u l-wirja li qed tittella’ f’Sharjah tixhed din il-ħidma. Żied jgħid li inizjattivi bħal dawn jgħinu fl-apprezzament tal-valur multikulturali ta’ dawn l-artefatti u jkattru l-għarfien dwar dawn it-teżori, filwaqt li jipprovdu eżempju perfett ta’ kif entitajiet nazzjonali differenti jistgħu jaħdmu flimkien biex ikomplu jagħnixxu l-identità nazzjonali ta’ xulxin.

Il-Ġebla ta’ Majmuna se tkun għall-wiri fil-Mużew taċ-Ċiviltà Iżlamika f’Sharjah sal-aħħar ta’ Ġunju li ġej.